Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 20 ta' Novembru 2026
(OR. en)

15716/26
ADD 6

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0196 (BUD)

FIN 1599

NOTA PUNT "A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Test konġunt dwar il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2027 • *Dikjarazzjoni*

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness dikjarazzjoni konġunta mill-Awstrija, in-Netherlands u l-Iżvezja.

ANNESS

Dikjarazzjoni mill-Awstrija, in-Netherlands u l-Iżvezja
dwar il-baġit 2027 tal-Unjoni Ewropea

Il-baġit tal-UE għandu jkun ibbażat fuq prinċipji baġitarji sodi, iżomm marġnijiet suffiċjenti u jissalvagwardja strumenti speċjali għal ċirkostanzi mhux previsti.

Il-ftehim dwar il-baġit 2027 inaqqas b'mod sinifikanti l-marġnijiet disponibbli, b'riallokazzjonijiet limitati, filwaqt li jżid id-dipendenza fuq strumenti speċjali. Filwaqt li tilqa' l-finanzjament taleċċess fil-kostijiet tal-imgħax tal-NGEU f'konformità mal-ftehim tal-Kunsill Ewropew, iddikjarazzjoni dwar l-użu tal-istrument USL hija stedina bla bżonn biex isir saħansitra aktar f'dan irrigward.

Il-ftehim jinkludi wkoll żidiet sinifikanti fin-nefqa amministrattiva u fil-livelli tal-persunal.

Fl-opinjoni tagħna, il-baġit tal-UE ma jistax jinjora l-kuntest usa' li fih il-biċċa l-kbira tal-baġits nazzjonali jiffaċċaw miżuri ta' konsolidazzjoni sostanzjali. Għalhekk, sfortunatament inqisu li lftehim dwar il-baġit 2027 tal-UE imur lil hinn mill-prinċipju ta' bbaġitjar prudenti.